MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 582/2000/1

**John Cini u martu Marlene Cini.**

**vs.**

**Raymond Portelli.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 28 ta' Marzu 2000 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn gie premess:-

Illi l-attur huwa l-propjetarju tal-fond Newcastle, Triq il-Poezija, Qormi, fejn jirrisjedi, waqt li l-konvenut jokkupa u jirrisjedi fil-fond adjacenti Rit Ray, Triq il-Poezija, Qormi;

Illi fuq gewwa tal-fond ta’ l-attur, mal-hajt divizorju bejn il-fond ta’ l-attur u dak tal-konvenut, senjatament fejn hemm it-tarag li mill-pjan terran tal-fond ta’ l-attur jaghti ghal l-ewwel sular, kif ukoll fil-*main bedroom* tal-fond ta’ l-attur li tinsab fl-ewwel sular, hemm umdita` kkagunata minn perkolazzjoni ta’ ilma provenjenti mill-fond tal-konvenut;

Illi l-umdita` fil-parti tal-hajt divizorju fejn l-attur ghandu t-tarag hija dovuta ghal xoghlijiet li saru mill-konvenut fil-bitha tal-fond tieghu waqt li l-umdita` li hareg fil-*main bedroom* tal-fond tal-atturi grat ghaliex fil-livell tal-bejt tal-fond tieghu, il-konvenut ma hax mizuri preventivi biex il-hajt divizorju ma jibqax espost ghal tixrib bla bzonn kull meta taghmel ix-xita;

Illi l-atturi kemm verbalment kif ukoll permezz ta’ protest gudizzjarju gab dawn il-fatti a konjizzjoni tal-konvenut u interpellah sabiex jaghmel kull ma hu mehtieg skond l-arti u s-sengha biex ma tibqax issir hsara fil-fond ta’ l-atturi pero` *cio’ nonostante* l-konvenut baqa’ inadempjenti;

Illi tort tan-negligenza u nonkuranza tal-konvenut, l-attur garrab danni kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tikkundannah sabiex, fi zmien qasir u perentorju, u taht is-supervizjoni ta’ perit nominand, jaghmel ix-xoghlijiet kollha necessarji fil-fond Rit Ray, Triq il-Poezija, Qormi, halli tieqaf il-perkolazzjoni ta’ ilma li sejra ghal gol-fond Newcastle, Triq il-Poezija, Qormi, propjeta` ta’ l-attur, u li qed tikkaguna umdita` u hsara;

2. Fin-nuqqas tawtorizza lill-attur Ii jahgmel hu dawn ix-xoghlijiet a spejjes tal-konvenut taht is-supervizjoni ta’ l-istess perit nominand;

3. Tiddakjarah unikament responsabbli ghad-danni subiti mill-attur kagun tal-perkolazzjoni ta’ ilma provenjenti mill-fond tal-konvenut fuq riferit;

4. Tillikwida d-danni ta’ l-attur *occorrendo* bl-opra ta’ perit nominand;

5. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut *in linea* ta’ danni.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-protest gudizzjarju, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta’ l-attur a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh nhar it-28 ta’ April 2000 ghas-seduta tad-9 ta’ Gunju 2000.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Raymond Portelli datata 18 ta’ Mejju 2000 a fol. 8 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament il-proceduri odjerni huma nulli *stante* li l-azzjoni odjerna kellha tigi proposta mill-attur u martu flimkien.

2. Illi preliminarjament ukoll il-pretenzjoni attrici rigwardanti t-talba ghad-danni huma preskritti *a tenur* ta’ l-**artikolu 2153 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Illi bla pregudizzju u fil-mertu t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes *stante* li mhux minnu li l-umdita` li qed jallega l-attur hija dovuta ghal xoghlijiet li saru mill-konvenut jew minhabba xi nuqqas da parti tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 18 u 19 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti presjeduta tad-9 ta’ Gunju 2000 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u l-partijiet. Dr. Zammit McKeon talab korrezzjoni fl-okkju tac-citazzjoni billi f’isem l-attur jizdiedu l-kliem “u martu Marlene Cini”. Dr. David

Camilleri ma opponix. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjonijiet rikjesti kull fejn jirrikorri. Dr. Camilleri ta ruhu notifikat ghac-citazzjoni kif korretta u strah fuq l-eccezzjoni gia` moghtija. Inghata digriet fejn il-Qorti nnominat bhala Perit Tekniku lil Fredrick Doublet limitatament dwar il-parti teknika tac-citazzjoni attrici. Il-kawza giet differita ghall-prezentata tar-rapport ghat-18 ta' Ottubru 2000; tat-18 ta' Ottubru 2000 sat-30 ta April 2002 fejn il-kawzi gew dejjem differiti ghar-rapport.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tal-25 ta' Gunju 2002 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-kawza giet differita ghall-24 ta' Jannar 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mill-24 ta' Jannar 2003 sat-30 ta' Gunju 2004 fejn il-kawzi gew dejjem differita ghar-rapport.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tad-29 ta' Ottubru 2004 (fol. 40) fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. David Camilleri ghall-konvenut. Deher il-Perit Frederick Doublet u kkonferma bil-gurament ir-relazzjoni tieghu. Il-konvenut gie awtorizzat jipprezenta, fi zmien ulti, lista ta' domandi in esekussjoni tal-Perit Tekniku. Il-kawza giet differita ghat-12 ta' Jannar 2005 ghal ezami rapport u eskussjoni tal-perit mill-konvenut.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Frederick Doublet pprezentat fir-Registru fit-2 ta' Lulju 2004 u mahluf *seduta stante* fid-29 ta' Ottubru 2004, il-verbali tas-seduti minnu mizmuma, inkluz ix-xhieda kollha quddiemu prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati, u dan l-istess rapport jinsab esebit a fol. 41 sa fol. 115 tal-process.

Rat in-nota ta' Raymond Portelli datata 11 ta' Jannar 2005 a fol. 117 tal-process li biha pprezenta d-domandi lill-Perit Frederick Doublet in eskussjoni.

Rat ir-rikors ta’ Raymond Portelli datat 13 ta’ April 2005 fejn talab li din l-Onorabbli Qorti joghgobha terga’ tirrimetti l-atti lura lill-Perit Tekniku bl-inkarigu li jaghmel it-*test* ghal *leakage* mill-katusi u *inspection chamber* kif suggerit minnu f’paragrafu 29.4 tar-rapport tieghu u jaghmel rapport ulterjuri bir-rizultanzi ta’ dan it-*test* u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni. Il-Qorti kif diversement presjeduta ordnat n-notifika lill-kontro-parti. U b’digriet tas-16 ta’ Mejju 2005 (fol. 133) laqghet it-talba kif dedotta a spejjes provvizorjament tal-konvenut; u ordnat li l-process jigi rimess lill-istess biex jirredigi r-rapport ulterjuri.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-12 ta’ Jannar 2005 u tal-11 ta’ Marzu 2005 fejn xehed il-Perit Frederick Doublet. Il-kawza giet differita ghall-15 ta’ April 2005 ghall-ezami tar-risposti tal-Perit; tal-15 ta’ April 2005; tal-10 ta’ Gunju 2005; tal-25 ta’ Ottubru 2005; u tal-14 ta’ Dicembru 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-24 ta’ Jannar 2006 ghar-rapport addizzjonali.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk illum presjeduta tal-24 ta’ Jannar 2006 (fol. 138) fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. J. Zammit McKeon ghall-atturi u Dr. David Camilleri ghall-konvenut. Id-difensuri rriferew lill-Qorti ghar-rikors tal-konvenut datat 13 ta’ April 2005 u ghad-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tas-16 ta’ Mejju 2005, li mid-dehra dan kien ghadu ma sarx. Il-Qorti ordnat lill-Perit Tekniku biex jesplita l-inkarigu tieghu, u fi kwalunkwe kaz jidher fis-seduta li kien imiss. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop u *occorrendo* finali trattazzjoni ghat-2 ta’ Mejju 2006.

Rat ir-rikors tal-Perit Tekniku Frederick Doublet datat 17 ta’ Frar 2006 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tinnomina lill-“JJC Construction Services Ltd” sabiex taghti kwotazzjoni lill-konvenut u , jekk dan jaccettaha, li taghmel it-*test* mehtieg skond l-ispecifikazzjonijiet ta’ l-esponent. Il-Qorti ordnat in-notifika lill-partijiet bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-riposta tal-konvenut Raymond Portelli datata 26 ta' April 2006 kif tidher a fol. 146 tal-process. U li l-atturi, ghalkemm gew notifikati fis-17 ta' Marzu 2006 baqghu ma rrispondewx. Illi *in vista* tar-rikors stess tal-konvenut Raymond Portelli datat 13 ta' Aptril 2005, laqghet it-talba u nnominat lil Jeremy Cassar sabiex jaghmel il-kwotazzjonijiet rikjesti u t-testijiet necessarji taht id-direzzjoni tal-Perit Tekniku Frederick Doublet u jipprezentaw rapport ulterjuri uniku dwar l-istess, a spejjes provvizorjament tal-konvenut Raymond Portelli.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma fit-2 ta' Mejju 2006 u tat-3 ta' Ottubru 2006, fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Zammit McKeon ghall-atturi u Dr. David Camilleri ghall-konvenut li talab ir-revoka tan-nomina tal-Perit Jeremy Cassar, liema talba saret minnu stess. Il-Qorti laqghet it-talba u rrevokat *contrario imperio* n-nomina ta' Jeremy Cassar. Dr. David Camilleri, ghall-konvenut, talab li jipprezenta nota ta' kritika. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata lill-konvenut biex jipprezenta n-nota ta' kritika bil-visto/notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollu erbghin (40) gurnata biex jirrispondi, mid-data tan-notifika tan-nota ta' kritika, b'dan li jekk in-nota konvenuta ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota ta' l-attur jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-konvenut. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-21 ta' Frar 2007.

Rat ir-rikors ta' Raymond Portelli datat 16 ta' Novembru 2006 a fol. 155 tal-process fejn talab li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tammetti in atti n-nota pprezentata kontestwalment u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni. Il-Qorti, bid-digriet taghha moghti fil-21 ta' Novembru 2006, laqghet it-talba *previa* n-notifika tad-difensur tal-kontro-parti.

Rat in-nota ta' kritika tal-konvenut Raymond Portelli datata 16 ta' Novembru 2006 kif tidher a fol. 158 tal-process.

Rat in-nota responsiva ta' l-atturi pprezentata fir-Registru fis-27 ta' Dicembru 2006 (a fol. 166).

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din hija kawza maghmula mill-atturi bhala proprjetarji tal-fond Newcastle, Triq il-Poezija, Qormi, fejn l-istess qed jippremettu li l-proprjatarju tal-fond adjacenti Rit Ray, Triq il-Poezija, Qormi halla li ssir perkolazzjoni ta' ilma mill-fond tieghu ghall-fond attrici u dan minhabba xoghol li sar mill-konvenut fil-bitha tal-fond tieghu u wkoll li harget umdita' peress li l-konvenut ma hax il-prekawzjonijiet necessarji sabiex l-istess hajt divizorju ma jibqax espost ghall-tixrin bla bzonn minhabba x-xita u ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti jigu ordnati sabiex jaghmlu dawk ix-xoghlijiet necessarji halli ma jkunx hemm izjed perkolazzjoni ta' ilma ghal gol-fond taghhom u wkoll sabiex l-istess konvenut jigi ddikjarat responsabbli ghad-danni subiti minhabba tali perkolazzjoni ta' ilma u ghal-likwidazzjoni u konsegwenti hlas ta' l-istess.

Illi ghal dik li hija konstatazzjoni tenika din il-Qorti taghmel riferenza ghall-kostatazzjonijiet li ghamel il-perit tekniku fir-relazzjoni peritali tieghu datata 2 ta' Lulju 2004 u senjatament ghall-paragrafu 24.0 il-quddiem ta' l-istess relazzjoni u taddota l-istess relazzjoni bhala parti minn din is-sentenza u abbazi tar-rizultanzi hemm indikati l-istess perit tekniku kkonstata li l-hsara fil-*main bedroom* ta' l-atturi giet ikkawzata minhabba l-ilma li pperkola mill-fond tal-konvenut u dan ghar-ragunijiet indikati f'paragrafu 25.12 ta' l-istess relazzjoni u dan jista' jigi rrimedjat bix-xoghlijiet indikati f'paragrafu 15.15 ta' l-istess; fir-rigward tal-hsara li saret fit-tromba tal-hajt tal-fond ta' l-atturi din il-Qorti tirreferi ghall-paragrafu 26 ta' l-istess relazzjoni fejn

l-istess hsara giet attribwita wkoll lill-konvenut kemm abbazi ta’ dak riskontrat f’paragrafu 26.7 ta’ l-istess relazzjoni u dik fil-kamra tas-sodda ghal dak indikat f’paragrafu 26.11. ta’ l-istess relazzjoni u paragrafi ohra relattivi li ghalihom qed issir riferenza; ma dan hemm il-hsara wkoll li giet ikkawzata fil-*basement* tal-fond ta’ l-attur, li fl-opinjoni tal-perit tekniku kien responsabbli ghalihom parzjalment kif indikat f’paragrafu 27 tar-relazzjoni tieghu u ghalhekk l-istess perit tekniku kkonkluda li l-konvenut huwa responsabbli ghad-difetti fil-*main bedroom* u l-fuq mill-pjan tat-tarag ta’ l-attur, fil-waqt li l-istess konvenut huwa responsabbli parzjament fi grad ta’ sebghin fil-mija (70%) ghad-diffetti fl-ewwel zewg filati tal-hajt divizorju tal-atturi u ghad-difetti fil-*basement* ta’ l-istess kif indikat f’paragrafu 28 ta’ l-istess relazzjoni.

Illi ghalhekk abbazi ta’ l-istess l-istess perit tekniku kkonkluda li kellhom isiru mill-konvenut ix-xoghlijiet minnu indikati f’paragrafu 29.1., 29.2., 29.4., 29.5. tar-relazzjoni peritali, fil-waqt li abbazi tal-paragrafu 30 kkonstata li l-konvenut ghandu jhallas lill-atturi l-ammont ta’ Lm479.35 kif hemm indikat *in linea* ta’ danni, l-istess danni hemm ikkalkulati abbazi ta’ l-imsemmi paragrafu 30.0 u 30.1 tar-relazzjoni peritali. F’dan is-sens il-Qorti taddota r-relazzjoni peritali u l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet ta’ l-istess bhala parti minn din id-decizjoni odjerna.

Illi din il-Qorti thoss li kif giet bosta drabi enuncjata, hawn tapplika l-osservazzjoni illi "*kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kinitx obligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kelliex leggerment tinjora dik il-prova.*" (**“Anthony Montebello proprio et nomine vs Max Micallef proprio et nomine”** P.A. (PS) – 9 ta’ Dicembru 2002; **“John Saliba -vs- Joseph Farrugia”**,

Appell, 28 ta' Jannar 2000; **"Joseph Calleja *nomine* -vs- John Mifsud"**, Appell, 19 ta' Novembru 2001;).

Illi similment fil-kawza fl-ismijiet **"Spiteri Tiles Limited vs Raymond Borg"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Frar 2002) inghad li:-

*"huwa sintomatiku ghalhekk li fid-dawl ta' dan kollu jinghad li ghalkemm il-Qorti ma hijiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzzjoni taghha nnfisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-**artikolu 681 tal-Kap 12,** jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni pertali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti "ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami"* *(**"Philip Grima vs Carmelo Mamo –** A.C. 29 ta' Mejju 1998; **"Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca" –** A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **"John Saliba vs Joseph Farrugia"** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **"Sammy Tabone vs Carmel Tabone et"** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001)".*

Illi dawn is-sentenzi huma bbazati wkoll fuq dak li intqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **"Giswarda Bugeja *et vs* Emmanuele Muscat *et*"** (A.C. 23 ta' Gunju 1967 – LI.i.390) fejn gie affermat li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, *'b'danakollu, l-'giudizio dell'arte' espress mill-perit tekniku ma jistaghax u ma ghandux aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta' lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali jigi skartat facilment ammenoche' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli".*

Illi fil-fatt abbazi tal-premess jidher li l-konkluzjoni tal-perit tekniku dwar l-aspett tekniku tal-vertenza odjerna huwa addirittura kategoriku u l-konkluzjoni hija wahda skejta u cara, u minkejja dak li qed isostni fin-nota ta'

osservazzjonijiet, din il-Qorti thoss li dan bl-ebda mod ma jista' jinghad li b'xi mod jista' jwassal lil din il-Qorti sabiex telimina l-konkluzjonijiet peritali raggunti mill-istess perit tekniku mqabbad minnha u dan aktar u aktar meta jidher car mill-istess rapport peritali li dan huwa frott ta' konsiderazzjoni u analizi akkurata u teknika tal-provi kollha li gabar kemm mix-xhieda mismugha minnu u kif ukoll mill-accessi li huwa zamm fuq il-fondi nvoluti fil-kawza odjerna. Fil-kaz in ezami l-opinjoni teknika hi wahda valida u ghalhekk hu l-kaz li l-Qorti taddottaha ghall-iskop tal-gudizzju taghha u dan ghaliex ma hemm ebda raguni plawsibbli jew gravi li tista' twassal lil din il-Qorti sabiex b'xi mod teskludi l-konkluzjonijiet peritali.

Illi f'konvenut ecceppixxa l-preskrizzjoni abbazi ta' l-**artikolu 2153 tal-Kap 16** li tirreferi ghall-preskrizzjoni ta' sentejn, ghal hlas ta' hsarat mhux ikkagunati minn reat. Ovvjament din l-eccezzjoni *se mai* tista' tolqot biss it-talbiet rigwardanti r-responsabbilta`, likwidazzjoni u konsegwenti hlas ta' danni u mhux l-ewwel zewg talbiet attrici. Mhux hekk biss izda jekk wiehed ihares lejn in-nota ta' osservazzjonijiet jidher li l-istess hija limitata ghall-hsara li saret fil-kamra tas-sodda li l-perit tekniku llikwida d-danni fir-rigward ta' l-istess fl-ammont ta' Lm339.35.

Illi din l-eccezzjoni hija bbazata fuq l-allegazzjoni *da parte* tal-konvenut maghmula wkoll fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu li x-xhud Raymond Borg kien qal li fil-25 ta' Jannar 1997 kien diga ra dwawar ta' ilma mal-hajt ta' l-appogg, in-naha ta' fuq, u b'hekk la darba c-citazzjoni attrici giet pprezentata fit-28 ta' Marzu 2000, mela allura l-istess talba ghad-danni limitata ghall-istess hija preskritta.

Illi pero' din il-Qorti thoss li tali eccezzjoni, anke kif hekk limitata ma tistax tigi milqugha u dan peress li l-hsara fl-istess fond mhux biss ma kenitx limitata ghall-parti wahda mill-istess fond, izda kienet qed tigi kkawzata f'diversi partijiet ta' l-istess fond maz-zmien u dan huwa kkorroborat mir-rapporti tal-periti Anthony Muscat datat 22 ta' Frar 1999 u wkoll dak tal-Perit Anthony Scerri u apparti dan mix-xhieda ta' l-istess attur, partikolarment dik moghtija fit-13 ta' Lulju 2001 jirrizulta li huwa pprova

jirrimedja ghall-hsara li bdiet hierga sa mill-25 ta’ Jannar 1997, izda din baqghet tissussti tant li ghamel xoghol ta’ riparazzjoni anke fit-2 ta’ Ottubru 1998, u l-hsara li harget u allura li giet ikkunsidrata fil-kawza odjerna hija dik li harget wara Ottubru 1998. Dan juri li l-hsara anke f’din il-parti tad-dar ta’ l-atturi kienet qed tigi kkawzata maz-zmien u mhux biss fil-25 ta’ Jannar 1997 izda tali hsara baqghet tigi kkawzata anke wara, u b’hekk ladarba l-kawza attrici giet intavolata fit-28 ta’ Marzu 2000, jidher car li l-azzjoni attrici anke ghad-danni hawn indikati, ma hijiex preskritta u ghalhekk din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi michuda.

Illi ghall-kompletezza l-ewwel eccezzjoni giet ukoll sorvolata peress li b’digriet datat 9 ta’ Gunju 2000 Marlene Cini mart l-attur saret parti mill-kawza u ghalhekk ma hemm ebda kaz ta’ nullita’ tac-citazzjoni attrici.

**<u>III.   KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut in kwantu l-istess huma inkompatibbli ma dak hawn deciz, u fil-waqt li tichad ukoll l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni mressqa mill-konvenut abbazi ta’ l-**artikolu 2153 tal-Kap 16** u dan *stante* li l-istess hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt, **tilqa’ t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ mija u ghoxrin (120) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza, u taht is-supervizjoni ta’ Perit Arkitett Frederick Doublet, jaghmel ix-xoghlijiet kollha necessarji fil-fond Rit Ray, Triq il-Poezija, Qormi ndikati fir-relazzjoni peritali ta’ l-istess perit tekniku Frederick Doublet datata 2 ta’ Lulju 2004 halli tieqaf il-perkolazzjoni ta’ ilma li sejra ghal gol-fond Newcastle, Triq il-Poezija, Qormi, propjeta` ta’ l-attur, u li qed tikkaguna umdita` u hsara u senjatament dawk ix-xoghlijiet indikati mill-istess perit tekniku f’paragrafu 29.1., 29.2., 29.4., 29.5. tar-relazzjoni peritali tieghu, b’dan li tali nomina tal-perit tekniku hija wkoll ghas-spejjez ta’ l-istess konvenut.

2. Fin-nuqqas li l-istess konvenut jaghmel ix-xoghol indikat konsegwenti ghall-ewwel talba tac-citazzjoni attrici fit-terminu qasir u perentorju hawn indikat f'din id-decizjoni, tawtorizza lill-atturi li jaghmlu huma dawn ix-xoghlijiet a spejjes tal-konvenut taht is-supervizjoni ta' l-istess perit arkitett Frederick Doublet, tali nomina a spejjez ta' l-istess konvenut;

3. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni subiti mill-atturi kagun tal-perkolazzjoni ta' ilma provenjenti mill-fond tal-konvenut kif fuq riferit u deciz u dan kif indikat fir-relazzjoni peritali u f'din id-decizjoni.

4. Tillikwida d-danni ta' l-atturi fl-ammont ta' erba' mija u disgha u sebghin lira Maltija u hamsa u tlettin centezmu (Lm479.35).

5. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi dak l-ammont ta' erba' mija u disgha u sebghin lira Maltija u hamsa u tlettin centenzmu (Lm479.35) dovut *in linea* ta' danni kif hawn deciz.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-protest gudizzjarju, u bl-imghax legali dwar il-hames talba attrici mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------